MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 55/2002/1

**Joseph u Josephine konjugi Attard**

**v.**

**Concetta Sammut**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell interpost mill-konvenuta Concetta Sammut minn sentenza moghtija fit-13 ta' Mejju 2004, fil-kawza fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, li fiha dik il-Qorti ddecidiet hekk:

"Il-Qorti ,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li jppremettew :

"Illi fil-gurnata tal-hdax (11) ta' Settembru elfejn u wiehed (2001) ghal habta tal-ghaxra ta' fil-ghodu (10.00 a.m.) waqt li l-attur Joseph Attard kien qed isuq il-mutur tal-marka Piaggio bin-numru tar-registrazzjoni FAL 108 (ittri FAL numri wiehed, zero, tmienja), fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, huwa safa' investit mill-vettura Hillman Hunter, numru tar-registrazzjoni HAJ 893 (HAJ tmienja disgha tlieta) misjuqa mill-konvenuta; illi kienet hierga minn Mayjo Petrol Station ghal go l-istess triq;

"Illi per konsegwenza ta' dan l-incident il-konvenuta ikkagunat feriti gravi fuq il-persuna tal-istess Joseph Attard kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u inoltre il-mutur tieghu safa' danneggjat estensivament – ukoll kif jigi dettaljatament pruvat;

"Illi effettivament ghall-incident fuq imsemmi tahti unikament u esklussivament il-konvenuta, minhabba sewqan imprudenti da parti taghha, minhabba illi hija naqset illi zzomm 'a proper look out', minhabba illi hija naqset li tosserva r-regolamenti tat-traffiku; u minhabba wkoll illi nvadiet il-karreggjata proprjeta` tal-attur Joseph Attard;

"Illi l-atturi sofrew danni per konsegwenza tal-imsemmi incident konsistenti f'danni emergenti kif ukoll dawk lucri cessanti .

Talbu lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

"1. tiddikjara lilek konvenuta unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali ;

"2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti u lucri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

"3. tikkundannak thallas dawn id-danni kif likwidati .

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' Settembru 2001; u tal-ittra ufficjali ta' Frar 2002, kif ukoll dik prezentata kontestwalment kontra l-kumpannija assikuratrici tieghek .

"Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunta .

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament mahlufa mill-attur .

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi :

"1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident mertu ta' din il-kawza kien jahti unikament Joseph Attard

"2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjez.

"3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi .

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta mahlufa minnha .

"Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 2002 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Charles Grixti sabiex wara li jezamina lill-attur, jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tieghu .

"Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku pprezentata fl-14 ta' Frar 2003 u minnu mahlufa fl-24 ta' Ottubru 2003 .

"Rat il-verbal taghha ta' l-24 ta' Ottubru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

"Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-atturi .

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

"Ikkunsidrat:

"Illi din il-kawza tinvolvi incident tat-traffiku li gara fi Triq Fortunato Mizzi, r-Rabat, Ghawdex ezattament quddiem il-Mayjo Petrol Station . L-attur kien qed isur *motor-cycle* bin-numru ta' registrazzjoni FAL 108 fid-direzzjoni tac-centru tar-Rabat, mentri l-konvenuta kienet ghadha kemm harget bil-karozza taghha numru HAJ 893 mill-*petrol station* biex tmur fid-direzzjoni ta' l-Imgarr . Il-kollizzjoni sehhet billi l-mutur intlaqat fil-gemb tax-xellug tieghu bil-kantuniera tax-xellug ta' quddiem tal-karozza .

"L-attur *a tempo vergine* ta din il-versjoni ta' kif sehhet il-habta lis-surgent tal-Pulizija li nvestigat il-kaz :

""*Kont qed insuq fid-direzzjoni tac-centru tar-Rabat, ma' gemb serbut vetturi, nieqfu u nimxu bil-mod . Il-vettura ta' hdejja kienet miexja, meta f'daqqa vettura HAJ 893 harget mill-petrol station, ippruvajt nevitaha billi ksirt ghal fuq il-lemin, pero` xorta laqtitni, tlift il-kontroll tal-mutur u spiccajt fuq in-naha l-ohra tat-triq.*"[1]

"Il-konvenuta da parti taghha tat din il-versjoni :

""*Kont fil-petrol station, nistenna t-traffic ighaddi biex inkun nista' naqsam ghan-naha l-ohra tat-triq . Vettura li kienet qed tinsaq min-naha tal-lemin tieghi, waqfet biex jien inkun nista' nohrog . Bdejt hierga bil-mod, nhares biex nara jekk kienx gej xi hadd min-naha tax-xellug, meta smajt hoss u rajt mutur fl-art*."[2]

"Waqt is-smiegh tal-provi, l-attur zamm din il-versjoni tieghu,[3] filwaqt illi l-konvenuta bidlitha xi ftit u sostniet illi harset ukoll lejn il-lemin u li t-tifla taghha li kienet *front-*

---

1 Ara okkorrenza tal-Pulizija a fol. 6 tal-process .
2 okkorrenza a fol. 7 .
3 ara affidavit ta' l-attur tas-27 ta' Dicembru 2002 a fol. 32 .

*seat passenger* maghha, gibditilha l-attenzjoni li kien gej wiehed sparat minn naha l-ohra u dahal go fih[4] .

"Darlene Sammut xehdet hekk:

""*Konna qeghdin niehdu l-petrol, kien hemm hafna traffic tiela 'l fuq u kien hemm wiehed ta s-sinjal lil ommi biex tohrog ghax ma kienx hemm fejn imur, allura taha s-sinjal … waqaf u x'hin konna hergin, konna kwazi qbizna l-linja kompletament taghna naraw mutur gej minn isfel, ghidtilha lil ommi 'ara gej mutur sparat', ma jhares lejn imkien, skantat, kien qisu hekk cass u baqa' diehel go fina . La pprova jevitana, xejn . Ahna ma stajna naghmlu xejn hemmhekk, konna weqfin*." [5]

"Mill-iskizz redatt mis-surgent Josephine Camilleri,[6] jirrizulta illi :

"i. l-incident sehh f'parti wiesa tat-triq ewlenija t'Ghawdex; infatti hemm wisgha ta' mhux anqas minn 10.5 metri ;

"ii it-triq hija maqsuma bi *broken white line*, li allura jippermetti vetturi sabiex jaqsmu minn naha ghall-ohra ;

"iii. il-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet hierga mill-*petrol station* u lahqet dawwret sew ghal fuq il-karreggjata l-ohra fid-direzzjoni ta' l-Imgarr ;

"iv. il-vettura tal-konvenuta tidher illi ghandha daqqa fuq il-kantuniera tax-xellug ta' quddiem ;

"v. il-mutur spicca fl-art vicin l-entratura ta' l-iskola faccata tal-*petrol station* ;

"vi. li *spot of impact* (indicata bi *broken glass*) tidher qrib hafna tal-gemb tax-xellug tal-karozza ;

"vii. l-ebda vettura ma halliet *brake marks* .

---

[4] ara depozizzjoni Concetta Sammut tat-13.5.2003 a fol. 74 et seq. .
[5] Ara depozizzjoni Darlene Sammut tat-13.5.2003 a fol. 67 et seq. .
[6] A fol. 8 tal-process .

"Il-mutur kellu hsarat fil-gemb tax-xellug tieghu, kif jirrizulta mir-ritratti esebiti,[7] mentri l-karozza kellha daqqa fuq in-naha tal-fanal tax-xellug ta' quddiem . Dan juri li kienet il-karozza li laqtet il-mutur u mhux *vice versa.*

"Minn ezami ta' dawn il-fatturi kollha wiehed jista' jasal halli jaghmel il-konkluzjonijiet mehtiega sabiex tinstab il-htija ghal din il-kollizzjoni .

"Ma jidher illi hemm xejn x'wiehed jista' jiccensura fl-agir ta' l-attur . *Ex admissis* huwa kien qed isuq fuq in-naha ta' barra tal-karreggjata tieghu, ma' gemb serbut karozzi mexjin 'l fuq bil-mod . Ghalhekk hemm *lane* wiehed f'kull direzzjoni, t-triq hija wiesa bizzejjed li tippermetti karozza u mutur jghaddu ma' gemb xulxin bil-kumdita` . Kien biss f'tentattiv li jevita l-karozza tal-konvenuta li tfaccat habta u sabta quddiemu, li huwa kiser ghal fuq il-lemin tieghu u anke dahal fil-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta . Ma rrizultax illi l-attur kien ghaddej b'xi velocita` aktar minn dik konsentita fl-inhawi . Il-karozza tal-konvenuta kienet hierga minn quddiem karozza ohra li kien hemm fil-gemb tax-xellug tieghu u ghalhekk ma kienx daqstant facli ghalih li jilhaq jaraha hierga minn quddiemha .

"Ghall-kuntrarju l-konvenuta kienet hierga minn area privata (l-petrol station) fil-gemb tat-triq u bil-manuvra taghha riedet tinvadi l-karreggjata tat-traffiku li kien ghaddej fil-*main road* fuq iz-zewg nahat tat-triq . La kien hemm il-*broken white lines*, din il-manuvra kien permess lilha li taghmilha bid-debita attenzjoni . Imma ma kienx bizzejjed ghaliha li, ghax ceditilha l-karozza li kien hemm fuq il-lemin taghha, taqbad u tohrog. Veru li l-konvenuta tghid illi harset biex tesplora t-triq qabel bdiet tohorg mill-*petrol station*, imma ma jidhirx illi dan ghamlitu bl-attenzjoni kollha li jirrikjedu r-regolamenti tat-traffiku fic-cirkostanzi[8] . Ghalkemm fix-xhieda taghha tghid illi harset sew 'l fuq kif ukoll 'l isfel, jidher illi huwa aktar

[7] ara ritratti dokti. JA 1, 2 u 3 a fol. 36 – 38 .

[8] Highway Code reg. 68, 76, 81, 82; ara wkoll Charlesworth on Negligence (1977) pg. 532 .

verosimili dak li qalet *a tempo vergine* lis-surgent Camilleri, u cioe` li harset 'l fuq biss. Infatti l-konvenuta tammetti li kienet bintha li gibditilha l-attenzjoni li kien gej wiehed sparat min-naha tal-lemin, u dan s'intendi ghax hi ma kienitx indunat bih .

"Anke l-gurispurdenza lokali hija konkordi fis-sens illi jinkombi fuq is-*side road user* li qabel ma johrog mis-*side road* ghall-*main road,* jaccerta ruhu illi bil-manuvra illi bi hsiebu jaghmel huwa mhux sejjer johloq ebda inkomodu jew perikolu lill-*main road user* u jekk jonqos minn dan l-obbligu huwa ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident illi javvera ruhu per kosegwenza[9] .

"Huwa evidenti illi l-konvenuta ma esploratx tajjeb bizzejjed it-triq li kienet diehla fiha qabel ittentat taghmel il-manuvra taghha . Ma ratx lill-attur gej minn naha tal-lemin taghha u ghax ippermettitilha tghaddi l-karozza li kien hemm iktar 'l gewwa minnu u ma kienux gejjin karozzi minn naha ta' fuq tat-triq, ippretendiet li setghet tohrog u taqsam it-triq . L-attur rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni ma seta' jaghmel xejn ghajr jipprova jevita l-habta billi jgenneb kemm seta' ghal fuq in-naha tal-lemin tieghu, imma inutilment ghax il-konvenuta xorta wahda laqtet il-mutur fuq il-gemb tieghu u l-attur spicca fl-art bil-mutur tahtu[10] .

"Jirrizulta ghalhekk illi r-responsabilita` ghal dan l-incident stradali hija unikament tal-konvenuta li naqset li zzomm *a proper look out* hija u hierga mill-*petrol station*, li ma tistax ma tkunx ikkunsidrata bhala dahla sekondarja b'referenza ghal triq Fortunato Mizzi mnejn kien tiela l-attur isuq il-*motor cycle* tieghu .

"Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Madankollu kif gie osservat mill-Qrati taghna, f’din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, ghax kollox jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz . Is-

---

[9] ara sentenza ta' din il-Qorti tat-12.6.1984 fil-kawza : Giorgina Vella vs Emanuel Caruana et. (citaz. 77/1981); ara wkoll s-sentenzi l-ohra ccitati mill-atturi fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom f'dan ir-rigward .

[10] ara relazzjoni peritali ta' l-espert mediku a fol. 42 .

somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi[11] . Fl-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni taghha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, ghandha thares lejn ic-cirkostanzi molteplici, u tista' ukoll utilment tuza bhala *tests* biex tikkontrolla c-cifra finali, id-diversi modi ta' kompitu (sic) suggerit mill-gurisprudenza estera f'dan ir-rigward, minghajr ma tivvinkola ruhha b'xi wiehed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm certa elasticita` ta' kriterju adattabbli ghall-partikolaritajiet ta' kull fattispecie[12] .

"Skond il-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

**"A. Damnum emergens :**

**"**(a) **Spejjez ta' tobba :** jirrizulta li l-attur nefaq sebghin Lira Maltija (Lm70) f'konsultazzjonijiet medici[13] . Dawn huma gustifikati u ghalhekk ripettibli ;

**"**(b) **Hsara fil-*motor cycle*** li kien qed isuq dak il-hin ta' l-incident: Irrizulta illi l-mutur ta' l-attur ha d-daqqa fuq il-gemb tieghu, u konsegwenza ta' hekk tghawwiglu x-*chassis* apparti li nkisru xi *parts.* Gew prodotti xhieda biex jippruvaw illi dan il-mutur kien prattikament gdid meta saret il-habta u li ma kienx konsiljabbli illi jissewwa ghax, ghalkemm il-*parts* setghu jinbidlu, ix-*chassis* kien jibqa' difettuz . Ghalhekk kellu jigi kkunsidrat bhala *total loss*[14] *.* L-attur jghid illi kien nefaq tmien mija u hamsin lira maltija (Lm850) biex akkwistah, u kien ghad kellu *milage* baxx hafna meta sehh l-incident . Jippretendi ghalhekk kumpens totali fl-ammont kollu li nefaq . Huwa madankollu maghruf sew illi kwalunkwe vettura li tohrog mix-*showroom* ikollha *depreciation* immedjat, u ghalhekk anke jekk il-mutur ta' l-attur kien prattikament gdid ma jistghax jippretendi kumpens shih f'dan ir-rigward . Il-Qorti

[11] Savona vs Asphar : Appell : 23.6.1952 .
[12] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019 .
[13] ara dokti. E, F u H a fol. 12, 13 .
[14] ara depozizzjoni tal-mechanic John Cremona tat-18 ta' Marzu 2003 a fol. 54 et. seq . u tal-venditur tal-mutur John Bartolo ta' l-istess data a fol. 51 et. seq. .

thoss illi seba' mitt lira Maltija (Lm700) ghandha tkun somma adegwata ghal dan il-fini**.**

**"**(c) **Spejjez ohra :** kien hemm ukoll tliet Liri Maltin (Lm3) spejjez ta' l-okkorrenza relattiva ghall-incident[15] . Dawn ukoll huma ripetibbli . (sic).

**"B. Lucrum Cessan**s : Dwar il-metodu kif jigi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati taghna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost recentement mill-Qorti ta’ l-Appell : “*Jinghad illi l-Qrati taghna fil-pronuncjament taghhom dwar kriterji li ghandhom jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi ta’ likwidazzjoni ta’ danni li f’kazijiet simili dejjem jaghtu lok ghalihom, qatt ma rrinunzjaw ghall-fakolta` diskrezzjonali taghhom….. Diversi drabi l-qrati taghna segwew il-principji enuncjati fil-kawza ‘Butler v. Heard’* **.**[16]

"Imma kif gie enfasizzat f’sentenza ohra ta’ dik il-Qorti, ccitata favorevolment fis-sentenza taghha f’dik il-kawza :

*"“Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm il-darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza, dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta’ kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta’ probabilita` . Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b’sentenza m’hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni . Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista’ jkun mar-rejalta`.*[17]

"Ghal numru ta’ snin il-Qrati taghna fil-maggior parti tal-kazi segwew rigorozament il-metodu stabilit ghall-ewwel darba fil-kawza “**Butler vs Heard**” . Din il-kawza taghat origini ghal dak li jissejjah il-***multiplier system*** li fiha l-percentwali tad-debilita` u l-qliegh annwali tal-korrut jigu moltiplikati bis-snin tal-hajja lavorattiva bazata fuq il-*life expectancy* tieghu mizjud b’percentwali biex taghmel tajjeb ghall-inflazzjoni u zidiet fil-pagi, u b’riduzzjoni ta’

---

[15] Dok. G a fol. 12 .
[16] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .
[17] Francis Sultana vs. John Micallef et noe. et: Appell: 20.7.1994 .

certu ammont minhabba l-*lump sum payment* . F'dawn l-ahhar snin pero` dan il-metodu ta' kalkolazzjoni gie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jiehu konsiderazzjoni ahjar tac-cirkostanzi taz-zmenijiet attwali[18] .

"Fil-kaz in ezami nsibu illi l-attur garrab debilita` permanenti ta' tmienja fil-mija (8*%)*[19] *.* Ir-rapport ta' l-espert mediku ma giex kontestat mill-konvenuta u l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tadottah .

"Meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza l-attur kien impjegat mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni bhala Instructor fuq scale 9 . Huwa ghadu jzomm din il-kariga ghalkemm inbidlulu xi ftit ir-responsabilitajiet tieghu . Fl-2001 il-paga bazika tieghu kienet ta' hamest elef tliet mija hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm5325) u f'allowances dahhal elfejn mitejn seba' u tletin Lira Maltija (Lm2237), ghal total ta' : sebat'elef hames mija tnejn u sittin Lira Maltija (Lm7562)[20]. M'hemm l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tittiehed din is-somma bhala bazi sabiex fuqha jinhadem dak dovut lill-attur f'dan ir-rigward .

"Fil-kawzi li segwew Butler vs Heard b'mod rigoruz, il-hajja lavorattiva ma kienitx tigi kkalkolata a bazi tas-snin kollha li kien ghad baqghala tahdem il-vittma, kieku ma sehhx l-incident, imma normalment kienet tittiehed hajja lavorattiva ta' ghoxrin (20) jew hamsa u ghoxrin (25) sena . Illum il-gurnata pero` meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi hafna pajjizi qed itawwlu wkoll l-eta` tal-pensjoni, ma baqa' ebda raguni ghaliex il-hajja lavorattiva ma tigix kalkolata kollha[21] . Meta sehh dan l-incident l-attur kellu 36 sena u ghalhekk kien ghad baqghalu hajja lavorattiva ta' 25 sena . Skond il-gurisprudenza kostanti, minhabba l-*lump sum payment*, (u hawn mhux il-kaz li l-attur ilu jistenna hafna snin biex tinqata' s-sentenza), ghandu jitnaqqas kwint (1/5) .

---

[18] Emanuel Mizzi vs Carmel Attard : sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003 .
[19] ara relazzjoni ta' l-espert mediku Mr. Charles Grixti a fol . 42 – 45 tal-process .
[20] ara depozizzjoni ta' Anton Portelli tat-30.9.2003 a fol. 89 - 91 u ta' l-attur a fol. 92; kif ukoll il-pay slip tieghu ghax-xahar ta' Settembru 2003 a fol. 96. .
[21] Agius vs. Galea et noe.: Kummerc : 11.7.1989 ; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg: Prim'Awla: 8.5.1990 .

Peress illi l-kalkoli qed jinhadmu fuq paga ta' tliet snin ilu, irid jinghata kumpens xieraq ukoll biex jaghmel tajjeb ghar-rata ta' inflazzjoni . Normalment din tkun ta' ghoxrin fil-mija (20%) .

"Ghalhekk l-ammont dovut irid jinhadem hekk : Lm7562 (paga bazi) x 25 (snin ta' hajja lavorattiva) x 80% (minhabba l-*lump sum payment*) x 8% (debilita` permanenti) x 120% ( ghaz-zieda fl-inflazzjoni) = Lm15124 .

"Ghaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-attur in linea ta' danni kkagunati lilu per konsegwenza tal-kollizzjoni mertu ta' din il-kawza, huma s-segwenti:

"1. Damnum emergens : Lm773;

"2. Lucrum Cessans : Lm15124,

"Total ta' : Lm15897, hmistax-il elf tmien mija seba' u disghin lira maltija.

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa t-talbiet attrici u :

"1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza ;

"2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' hmistax il-elf tmien mija seba' u disghin lira maltija (Lm15897) ; u

"3. tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-20 ta' Settembru 2001, tal-ittra ufficcjali ta' Frar 2002 u dik pprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-kumpanija assikuratrici tal-konvenuta, kollox kontra l-istess konvenuta."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTA</u>**

2. Il-konvenuta Concetta Sammut hassitha aggravata bis-sentenza sucitata u interponiet appell ghal fini tar-revoka ta' l-istess sentenza, bic-cahda tat-talbiet kollha attrici u l-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet sollevati minnha, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI APPELLATI**

3. L-atturi appellati wiegbu li l-appell tal-konvenuta jimmerita li jigi rigettat bl-ispejjez kollha kontra taghha u dan billi, kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad fis-sentenza taghha, mertu ta' dan l-appell, l-incident stradali *de quo,* li sehh fil-11 ta' Settembru 2001, fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex, kien unikament tort tal-konvenuta.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. L-aggravji tal-konvenuta huma tnejn, jigifieri,

(a) li dwar responsabbilita` ghall-akkadut, l-ewwel Qorti "bl-aktar mod car u inekwivoku ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-fatti tal-kaz bil-konsegwenza li waslet ghall-konkluzjoni zbaljata li l-incident gara unikament bi htija ta' l-esponenti (i.e. tal-konvenuta)";

(b) bla pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel Qorti "applikat kriterji zbilancjati fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* favur l-atturi";

5. Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti fid-dawl ta' dak li gie sottomess kemm min-naha u kemm minn ohra u jidhrilha li, fir-rigward taz-zewg aggravji fuq imsemmija, il-konvenuta ghandha ragun *in parte*, kemm ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-responsabbilita`, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* u dan ghar-ragunijiet li ser jinghataw.

6. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, hija jidhrilha li wara li l-Qorti ta' l-ewwel grad ghamlet analizi tajba ta' l-incident stradali *de quo*, dik il-Qorti spiccat biex ghamlet konkluzjoni zbaljata meta akkollat il-htija kollha ghal dak li gara fuq il-konvenuta appellanti. Huwa minnu li bhala sewwieqa hierga minn "petrol station" fuq il-genb tat-triq u b'manuvra li kienet tinvolvi li tittraversa t-"*traffic flow*", kien

jinkombi maggorment fuq il-konvenuta li, f'kull waqt, taccerta ruhha li dan seta' isir bla periklu ghall-"*main road users*". Izda mill-banda l-ohra, kien ukoll jispetta lill-attur Joseph Attard, is-sewwieq tal-mutur, li darba <u>li ghazel li ma jzommx ruhu pposizzjonat fil-koda tat-traffiku fi triq b'karreggjata ta' "lane" wiehed f'kull direzzjoni, jara li ma jaghmel xejn li seta' johloq ostakoli bla bzonn ghat-traffiku li jkun ghaddej</u>. Il-fatt li l-attur appellat jghid li haddiehor bhalu jaghmel, inkluzi l-Pulizija tat-Traffiku u l-"wardens" ma impressjonax lil din il-Qorti ghax jekk tali mod ta' sewqan jikkostitwixxi sewqan skorrett, jibqa' dak li hu. Fi kliem iehor, il-Qorti tista' tirrealizza li xi minn daqqiet ikun difficli ghal utent ta' mutur li jzomm ruhu kkollokat bejn vettura quddiem u ohra warajh, u fejn it-traffiku jkun miexi bil-mod tista' tirrealizza wkoll li xi kultant sewwieq ta' mutur ikollu jsuq mal-genb meta jkun hemm spazju jippermetti (kif kien dan il-kaz), imma appena l-istess sewwieq jaghzel li, flok jibqa' miexi bil-mod u b'mod parallel ma' karozza partikolari, jaghzel li jsuq ghalih wahdu fuq in-naha ta' barra u jissorpassa l-karozzi l-ohra, u b'hekk johloq karreggjata addizzjonali li fil-fatt ma tezistix, allura jrid jerfa' ir-responsabbilita` ta' din id-decizjoni skonsiljabbli. Fil-fatt, fil-kaz in ezami, gara li filwaqt li l-konvenuta kien irnexxielha taqsam impunement minn bejn it-"traffic flow" li kien isegwi s-serbut tal-karozzi, kien biss meta hija giet biex tipprocedi oltre li sabet "inaspettatament" il-konvenut gej min-naha tal-lemin taghha. Huwa minnu li l-provi juru li l-konvenuta ma kenitx qed izzomm "*a proper look-out*" fil-mument li kienet qieghda taqsam il-"flow" tat-"traffiku", imma daqstant iehor huwa minnu li l-attur ma messux saq 'il quddiem ghal rasu, jigifieri indipendentement mill-"*flow*" tal-vetturi l-ohra li kienu fuq ix-xelluq tieghu, ghax b'hekk huwa gie li involva ruhu f'manuvra ta' sorpass tat-traffiku li kienet tirrikjedi minnu li jiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha biex din il-manuvra jaghmilha minghajr perikolu ghalih u ghal ohrajn. Jekk il-konvenuta sabitha possibli li tghaddi bla xkiel minn bejn it-"traffic flow" din il-Qorti ma tarax kif l-attur ma setax jintebah li karozza li kellu mal-genb xellugi tieghu kienet fil-fatt ippermettiet lill-vettura tal-konvenuta li tghaddi minn quddiemha. Kemm il-konvenuta u kemm l-attur isostnu li huma sabu ruhhom f'sitwazzjoni fejn ma

setghu jaghmlu xejn biex jevitaw milli jahbtu f'xulxin. Fil-fehma tal-Qorti dan gara ghaliex kien hemm sewqan skorrett da parti ta' l-attur u nuqqas ta' "*a proper look-out*" min-naha tal-konvenuta waqt manuvra li kienet tinvolvi qsim tal-"*flow*" tat-traffiku. Fic-cirkostanzi, il-htija magguri tibqa' tal-konvenuta, filwaqt li kien hemm ukoll htija kontributorja da parti tas-sewwieq tal-mutur, u dan fi proporzjoni ta' zewg terzi (⅔) bi htija attribwibbli lill-konvenuta u terz (⅓) lill-attur. Ghalhekk isegwi li din il-parti tas-sentenza appellata trid tigi riformata konformament.

7. It-tieni aggravju huwa relatat mal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*. L-aggravju tal-konvenuta jittratta kemm dwar il-"multiplier" adoperat mill-ewwel Qorti, mifrux fuq hamsa u ghoxrin sena rapprezentanti l-hajja lavorattiva shiha ta' l-attur, kif ukoll ghall-fatt li l-"*allowances*" reklamati mill-attur inghatawlu tul il-perijodu kollu tal-hajja lavorattiva tieghu, mentri dawn bhala fatt jikkostitwixxu biss fattur kontingenti li ma tistax torbot fuqu ghal fini ta' kalkolu fit-tul. Skond l-appellanti, salarju bazi "debitament u ragonevolment aggustat minhabba fatturi ta' inflazzjoni kien ikun aktar gust bhala mizura ta' danni". Inoltre l-figuri ta' l-inflazzjoni adoperati mill-ewwel Qorti "huma eccessivi", tissottometti l-appellanti.

8. Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi prodotti u hadet ukoll kont tas-sottomissjonijiet tal-parti appellata dwar id-danni, jidhrilha li, taht dan l-aspett ukoll, il-konvenuta ghandha ragun *in parte.* "Multiplier" mifrux fuq hamsa u ghoxrin sena, fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, li jinvolvi "*instructer*" okkupat b'xoghol ta' taghlim u ta' amministrazzjoni ma jistax jitqies bhala li huwa wiehed esagerat jew sproporzjonat. Il-hajja lavorattiva fic-cirkostanzi odjerni, ghandu jinghad, tidher li sejra fid-direzzjoni ta' estensjoni lejn eta` ghal wahda ta' irtirar ta' hamsa u sittin sena (65) u, kwindi, din il-Qorti ta' revizjoni ma thossx li hemm xi raguni serja li minhabba fiha ghandha tiddisturba dak li gie tenut xieraq min-naha ta' l-ewwel Qorti vis-à-vis il-"multiplier". Fir-rigward tal-lanjanzi l-ohra izda, din il-Qorti taqbel mal-konvenuta li "*allowances*" ta' natura kontingenti li kienu jinvolvu xoghol

*extra* bhala ghoti ta' "*evening classes*" ma messhomx gew meqjusin bhala parti integrali mill-paga ta' l-attur Joseph Attard, u necessarjament percepibbli fl-istess ammont kif reklamat ghal tul il-firxa kollha ta' hamsa u ghoxrin (25) sena. Il-Qorti hawn taqbel mal-konvenuta li l-ammont addizjonali mehud bhala l-bazi tal-"*multiplier*" fis-somma ta' Lm2,237 kien wiehed eccessiv u din il-Qorti *arbitrio boni viri* serja tirriducih ghall-ammont ta' elf u mitejn lira (Lm1,200) *per annum*.

9.1 L-ilment l-iehor tal-konvenuta appellanti huwa dwar ir-rata gholja ta' kumpens (120%) moghtija mill-ewwel Qorti biex taghmel tajjeb ghar-rata ta' inflazzjoni, u dan a bazi tal-konsiderazzjoni li l-ewwel Qorti hadet kont tal-fatt li quddiemha kellha l-ammont ta' paga percepibbli fis-sena 2001.

9.2 Din il-Qorti filwaqt li tinnota li l-appellanti ma taghti ebda indikazzjoni ta' kemm kellha tkun tali rata, ghal fini ta' inflazzjoni, fl-istess waqt hemm rikonoxximent li, ghal fini ta' kalkolu tad-danni, kellu jsir aggustament opportun f'dak li huwa ammont tal-paga bazika ta' l-attur li tiehu kont kemm ta' l-izvalutar fis-sahha tal-minuti u l-probabilita` ta' awmenti futuri ta' l-istess paga. Fil-mument li sehh l-incident *de quo*, jigifieri fis-sena 2001, l-attur ircieva paga ta' Lm5,324.54,6m. Din il-Qorti *abitrio boni viri* qieghda taggusta dan l-ammont annwu, biex jaghmel front ghall-inflazzjoni u awmenti fis-salarju fil-futur u kwindi qeghda tiffissah ghall-ammont ta' sitt elef lira (Lm6,000).

10. Ghal kull buon fini, tajjeb li jigi rilevat li f'dan il-kaz partikolari, huwa fatt li l-attur baqa' ininterrottament fl-impjieg tieghu bla ma rriskontra xi diffikultajiet ta' riljev fuq il-post tax-xoghol. Dan kollu gie kkostatat minkejja li l-perit mediku nominat mill-Qorti li pero` irdoppja l-percentwal ta' dizabilita` fizika sofferta mill-attur appellat minn wahda ta' erbgha fil-mija (4%) kif originarjament gie sottomess mill-attur stess (ara Dok B a fol. 9 - 10 tal-process) ghal wahda oghla ta' tmienja fil-mija (8%). Ma kien hemm ebda lanjanza dwar dan.

11. Isegwi mis-suespost ghalhekk li l-likwidazzjoni dwar *lucrum cessans* trid tinhadem mill-gdid kif gej:-

Lm7,200 (Lm6,000 paga bazika aggustata + LM1,200 ghal "allowances x 25 sena (hajja lavorattiva) x 80% (minhabba hlas "lump sum") x 8% (grad ta' dizabilita` sofferta) = Lm11,520.00c (hdax il-elf, hames mija u ghoxrin lira Maltija).

Ghalhekk l-ammont shih ta' danni sofferti mill-attur fl-incident in ezami huwa hekk:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Damnum emergens | Lm773.00c |
| 2. | Lucrum cessans | Lm11,520.00c |
| | | -------------------------- |
| | Total: | Lm12,293.00c |

L-atturi ghandhom ibatu terz (⅓) minn dawn id-danni, jigifieri Lm4,097.66c; filwaqt li l-konvenuta appellanti ghandha taghmel tajjeb ghar-rimanenti zewg terzi ⅔, jigifieri Lm8,195.33c (tmint elef mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu).

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' <u>*in parte*</u> l-appell tal-konvenuta appellanti b'dan li qieghda tirriforma s-sentenza appellata minn kif moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad billi tiddikjara bhala responsabbli ghall-incident *de quo* kemm lill-attur Joseph Attard u l-konvenuta appellanti Concetta Sammut fil-proporzjoni ta' terz (⅓) u zewg terzi (⅔) rispettivament kif intqal <u>supra</u>; tillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-attur fis-somma totali ta' Lm12,293.00c; u fl-ahharnett tikkundanna lill-konvenuta appellanti thallas lill-atturi appellati l-ammont ta' Lm8,195.33c (tmint elef mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu) bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

Il-kap ta' l-ispejjez kwantu ghaz-zewg istanzi jigi sopportat ghal zewg terzi (⅔) mill-konvenuta appellanti u r-rimanenti terza parti (⅓) mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------